KLR 64/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 fis-18.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat u Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone.

Il-Kunsill aċċetta l-ittra ta' apoloġija tal-membri skużati.

**64.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

64.1.1 Mill-minuti s-Segretarju Eżekuttiv resqet l-parir tal-Avukat tal-Kunsill fir-rigward tad-deċiżjoni li l-Bord ta' Gvernanza Lokali ħa fir-rigward ta' l-ilment li ressaq Joe Cassar. Skond il-liġi dan il-bord jista' jagħti r-rakomandazzjonijiet tiegħu lid-Direttur għal Gvern Lokali u sta għad-Direttur li jara jekk għandux jagħti direzzjoni jew suġġeriment lill-Kunsill. L-Avukat tal-parir li peress li għad hemm diversi proċeduri oħra pendenti rigward l-allokazzjoni tal-posti tal-monti, b'mod partikulari l-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar il-Liċenzji, kif ukoll peress li din tikkonsisti biss f'rakomandazzjoni, wieħed għandu jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri l-oħra u jara wkoll x'ser tkun l-opinjoni tad-Direttur qabel ma l-Kunsill jieħu azzjoni. Il-membri qablu li l-Kunsill joqgħod fuq dan il-parir.

64.1.2 Mill-minuti s-Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward ta' artiklu li deher fin-*newsletter* li ħarġet 'Wirt Għawedex', nru. 2/18 fuq il-ħajt li twaqqa minn terzi waqt li kien qed isir żvilupp f'post li mit-Tokk jinfed għal taħt il-foss taċ-Ċittadella. F'dan l-artiklu deher li l-Kusill ried jieħu azzjoni minħabba li l-foss hu devolut lilu. Il-Kunsill għandu jirrispondi minħabba l-fatt li hi l-Awtorita' ta' l-Artijiet li għandha tieħu l-azzjoni peress li l-foss hu propjeta' tagħha.

**64.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lil-membri li:-

64.2.1 l-orħos prezz biex jiġu stampat *booklets* li jagħtu informazzjni fuq ir-Rabat hi ta' 'A&M Printing' bi prezz ta' €720 + 5% VAT għall-1,000 kopja u €988 + 5% VAT għall-2,500 kopja. Il-membri qablu li jiġu stampati 2,500 kopja;

64.2.2 kif inhuma diġa' nfurmati l-membri, daħal ilment migħand is-sidien tal-ħanut 'TakeOut', 2, Triq Sir Adrian Dingli, fejn qed joġġezjonaw għall-permess ta' kjosk li l-Kunsill joħroġ fil-festi ta San Ġorġ u Santa Marija, fil-kantuniera ta' Triq Sir Adrian Dingli mat-Telgħa tal-Belt. Dan minħabba li sid il-ħanut qed tgħid li bil-kjosk jingħalqu t-twieqi tal-ħanut. Dan l-ilment sar ukoll lis-Supretendent tal-Pulizija, fejn dan irrisponda li l-Pulizija ma tidħolx fil-ħruġ ta' dawn il-permessi u d-deċiżjoni tal-Kunsill hi finali. Is-Sindku għarraf lis-sid, li l-kjosk qatt m'għalaq it-twieqi tal-ħanut u li s-issa minn naħħa tagħhom intalab verbalment li jarmaw mwejjed u siġġijeit fil-post fejn għal dawn l-aħħar snin kien jintrama dan il-kjosk ta'S.K.Victoria Wanderes. Barra minn hekk sid il-ħanut qatt ma provda l-permessi ta' *catering establishment.* Dr Renata Farrugia kitbet ukoll għan-nom tas-sidien fejn talbet li l-permess tal-kjosk in kwistjoni jiġi rtirat. L-Avukat tal-Kusill irrispondiet f'isem il-Kunsill fejn talbet kopja tal-peremss ta' *catering establishment* tal-ħanut 'TakeOut', liema permess qatt ma ġie provdut.

**64.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

64.3.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2017. Is-Sindku, s-Seg. Eżżekuttiv u l-*accountant* ser jiltaqħu mad-Direttur f'dan ir-rigward. Wieħed irid jinnota li matul l-2017 l-Kunsill naqqas n-*net current liabilities* minn €722,379 għal-€449,548. Il-Kunsill għadu jinsisiti li mill-€371,181 mill-proġett tal-PPP, €43,988 biss had għandhom ikunu klassifikati bħala *current liability* u l-bqija bħala *non-current liability*. Dan għandu jtejjeb il-likwidita tal-Kunsill b'€ 260,000;

64.3.2 il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kusilli ntalbu jagħtu s-suġġerimeti tagħhom biex ikun jista' jsir tarmak f'toroq residenzjali. Il-Kusnill talab li dan ix-xogħol isir fi Triq Ġroġ Pisani u Trqi Wies Sara;

64.3.3 l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) fejn għarrfet lill-Kunsilli li dawn jistgħu ikunu nfurmati kull darba li jkun hemm *Commencement notice* għall-żvilupp fil-lokalita'. Dan permezz ta' faċilita' ġdida fl-*eApplication system* tal-PA.

64.3.4 is-Supretendent tal-Pulzija rigward bejjiegħa li qed ikunu armati fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Is-Supretendent indika li liċnezja ta' *hawker* tagħti dritt lill-bejjiegħ li jopera minn kwalunkwe' parkeġġ, basta jkun 50 metru mbiegħed minn stabbilimenti kummerċjali. Il-membri qablu li l-pulizija għandha tiġi mgġarrfa li mir-ritratti li bagħat il-Kunsill jidher ċar li qed jinbiegħu oġġetti mhux minn fuq il-vannijiet biss, peress li dawn il-

bejjiegħa jpoġġu l-merċa fl-art w anke' jagħmlu t-tinet. Dan jista' jsir biss mill-i*street hawkers* li fir-Rabat jistgħu jarmaw biss fi Pjazza Savina;

64.3.5 sid 'Leiden House' fi Triq Patri Manwel Magri. Qed jiġi suġġerit li jsir *culvret* li jilqa' l-ilma peress li t-triq taqleb fuq din id-dar bil-konsegwenza li jidħol ħafna ilma tax-xita fil-garaxx. Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-perit u anke' jiġu konsultati l-ġirien ta' ma din id-dar sabiex ma jinħoloqx inkonvenjet quddiem ħaddieħor;

64.3.6 'The Marigold Foundation' rigward il-'Pink October Campaign 2018';

64.3.7 is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella fejn talalb li RockAstra 2019 issir is-Sibt 8 ta' Ġunju 2019. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni peress li għal-2019 imiss lis-Soċ. Fil La Stella tgħażel l-ewwel data għall-attivitajiet ta' Jum il-Blet Victoria;

64.3.8 il-President u s-Segretarju tal-'Oratory Youths F.C.' fejn qed jiproponu li jorganiżżaw diversi attivitajiet fi Pjazza Santu Wistin. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiġi nfurmat bid-dettalji;

64.3.9 Leanne Gatt li qed tilment li sakemm tmur fid-dar tal-ġenituri tagħha li joqgħodu fi Triq Agius De Soldanis, qed tieħu ċitazzjonijiet minħabba li din hi triq li fiha ma jidħlux vetturi u jkollha tipparkja fi Triq Palma fejn hemm d-*double yellow lines*. Il-Kunsill ma jistax ineħħi dawn is-sinjali u l-infurzar ma jaqax taħt l-ordnijiet tal-Kunsill;

64.3.10 Mro Antoine Mercieca fejn ta informazzjoni rigward l-band tiegħu 'Atonal'.

**64.4 *Playing Field***

Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol tal-*playing filed* miexi b'rittmu tajjeb, filfatt f'dawn il-jiem tħawlu mal-400 siġra u arbuxell.

Il-membri qablu li:

- tinħġareġ offerta għall-manteniment li tkun tinkludi l-ftuħ u l-egħluq tal-*playing field*;
- tinxtara pompa għat-tisqija tal-ilma mingħand l-orħos offerant li hu Paul Xuereb;
- tinħareġ talba għal stima biex tiġi nstallata sistema ta' CCTVs li jaħdmu b'enerġija solari;
- tinħareġ stima biex jinxtraw il-bankijiet;
- meta l-*playing field* jinfetaħ tiġi organiżżata *open weekend* bl-attivitajiet għat-tfal u l-familja.

**64.5 Pjazza Santu Wistin**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li saret laqgħa fejn il-Perit spjega lill-entitajiet xi ħsieb għandu l-Kunsill rigward dan il-proġett. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti rapreżentanti mingħand Galea Curmi Eng., mill-GO u mil-Korporazzjni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv ser jiltaqgħu ukoll ma l-Enġinier tal-Enemalta u ta' Melita.

Finalment il-Perit għandu jħejji l-pjanta li tiġi aġpprovata mill-Kunsill sabiex isiru l-applikazzjonijiet neċessarji biex jinbeda l-proġett.

### 64.6 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

64.6.1 *double yellow lines* bejn żewġ garaxxijiet fi Triq il-Wied;

64.6.2 *double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat ta' 'St. Joseph' fi Triq Pawlu Portelli;

64.6.3 tneħħija tempornja ta' *double yellow lines* li saru faċċata ta' 'Arc En Ciel' fi Triq Papa Ġwani Pawlu II.

*Transport Malta* (TM) ma ħarġitx il-permess għall-:-

64.6.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Santa Marija', Triq l-Arisqof Pietru Pace;

64.6.5 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk A, Flat 4, taċ-Ċawla H.E..

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

64.6.6 *un/loading bay* quddiem 'Almar Petshop' fi Triq Santa Martha;

64.6.7 *keep clear* quddiem 20, Triq Sant' Ursola.

Il-membri qablu li:-

64.6.8 jintalalab il-permess għall-kaxxa safra quddiem il-garaxx tad-dar 'Leah' fi Triq Karlu Galea;

64.6.9 jiġi suġġerit lill-TM sabiex tgħamel *pedestrian crossing* fi Triq San Leonardu 'l isfel mill-Lidl.

64.6.10 jiġi suġġerit lill-TM sabiex il-*bus stop* li hemm fi Triq it-Tabib Anton Tabone kantuniera ma Triq Sette Gugnio tiġi rilokata fejn hemm il-ħanut 'Scribbles';

64.6.11 billi ntalab sabiex isir *double yellow line* faċċata ta' gallarija li tinsab il-barra fi Triq Dun Pawl Micallef u li qed tintlaqat mill-vetturi, min qed jagħmel it-talba għandu jġib il-kunsens tas-sid tal-faċċata sabiex jinżebgħu dawn id-*double yellow lines* quddiem il-porpjeta' tiegħu li tiġi faċċata tal-gallarija.

## 64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2018 skont dokument A anness.

## 64.8 Xogħolijiet oħra

64.8.1 Tressqet talba sabiex il-kunsill jipprovdi kurduni għall-bankina quddiem dar fi Triq Ġorġ Pisani. Billi qatt ma kien hemm bankin f'din it-triq li għadha mhix asfaltata, dan ix-xogħol irid isir minn naħa tal-Gvern Ċentrali.

64.8.2 Tressqet talba biex tunqala bankina fi Triq Sette Gugnio u ssir il-kurduna ta' barra. Il-Kunsill jagħmel dan ix-xogħol dment li jerġa jintuża l-briks li hemm f'din il-bankina.

Il-membri qablu li:-

64.8.3 titranġa rampa biex tkun tista' tiddaħħal vettura f'garaxx ta' Lucy Calleja fi Triq is-Sagħtar;

64.8.4 jitpoġġa *litter bin* fit-tarf tas-*central strip* wara l-moument fi Pjazza Savina;

64.8.5 il-Kunsill jipparteċipa f'żewġ programmi li ser ixandar 'Xejk TV' mill-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija. Ser isir ħlas ta' €300.

## 64.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 7 t'Awwissu 2018 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |